**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' April, 2001**

**Numru**

**Att ta' Akkuza Nru. 12/97**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Makhlouf Hassoumi Ben Abdalla**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell maghmul mill-akkuzat dikjarat hati fuq ammissjoni tieghu stess mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali moghtija kontrih fid-19 ta' Gunju, 1998, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti

Rat l-Att ta' Akkuza numru 12/97;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha huwa ceda u rtira t-tieni kap ta' l-imsemmi Att ta' Akkuza;

Semghet lill-akkuzat Makhlouf Hassoumi Ben Abdalla jammetti, fl-udjenza tal-15 ta' Gunju, 1998, l-akkuza migjuba kontra tieghu fl-ewwel Kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie mwissi bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u nghata zmien biex jekk irid jerga' lura minnha.

Tiddikjara lill-imsemmi Makhlouf Hassoumi Ben Abdalla hati talli importa medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonjijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101);

Semghet fl-udjenza tas-17 ta' Gunju, 1998 lill-hati bil-gurament kif ukoll lil xhud minnu prodott ghall-finijiet ta' piena; semghet ukoll lill-Avukat Dott. Leon Bencini ghall-hati u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-kwantita' ta' droga in kwistjoni;

Rat l-Artikoli 2(1), 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Kap. 101, u l-Artikoli 11, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Makhlouf Hassoumi Ben Abdalla ghall-piena ta' ghaxar (10) snin prigunerija li minnha ghandu jitnaqqas kwalsiasi periodu ta' arrest preventiv li huwa ghamel sal-lum in konnessjoni ma' dan il-kaz; tikkundannah ukoll ihallas multa ta' ghoxrin elf lira lira (LM20,000), konvertibbli f'sena prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra u tal-propjeta' immmobbli kollha ta' Mokhlouf Hassoumi Ben Abdalla, ukoll jekk il-propjeta; immobbli minn meta huwa gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmi flejjes, propjeta' mobbli jew proprjeta' immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta;

Tordna lill-hati jhallas lir-Registratur is-somma ta' mitejn u dsatax-il lira u tmenin centezmu (LM219.80c) spejjes peritali nkorsi f'din il-kawza, u dan fi zmien tlett xhur mil-lum;

Tordna fl-ahharnett id-distruzzjoni ta' kwalsiasi droga li ghadha tinsab esibita taht l-awtorita' ta' din il-Qorti f'dawn l-atti, liema distruzzjoni ghandha ssir mir-registratur mhux aktar tard minn gimghatejn millum; ir-registratur ghandu jirredigi u jinserixxi fl-atti ta' din il-kawza proces-verbal li jiddelinea l-process ta' distruzzjoni".

Minn dik is-sentenza appella l-akkuzat misjub hati fuq ammissjoni tieghu stess permezz ta' rikors prezentat fis-7 ta' Lulju, 1998, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn in forza ta' l-ammissjoni tieghu hija sabitu hati ta' l-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza fejn ikkundannatu ghaxar snin prigunerija minn liema perijodu ghandu jitnaqqas dak iz-zmien kollu li nzamm detenut taht arrest preventiv u tirrevokaha fejn ikkundannatu jhallas multa ta' Lm20,000 u minflok tissostitwixxi ghal din il-multa wahda idoneja ghall-kaz.

L-appellant jissottometti li huwa kellu dejn sostanzjali f'pajjizu. Kien proprju minhabba f'hekk li hu accetta li jgorr id-droga fil-basket tieghu u li jagixxi ta' *courier* biex mill-kumpens li kien ser jircievi ghal dan is-servizz hu kien ser ikun f'posizzjoni li jhallas id-dejn li kellu f'pajjizu. Fil-fatt meta hu gie arrestat f'Malta l-flus li kellu fuqu u li kien proprju parti mill-kumpens li kien ircieva in konnessjoni ma' dan is-servizz gew elevati mill-Pulizija u konfiskati in forza tas-sentenza referita. L-appellant jissottometti ghalhekk li minhabba li l-flus tieghu gew konfiskati m'hemm ebda possiblita' li hu jhallas il-multa li gie kundannat li jhallas u huwa inevitabbli li din il-multa tigi konvertita f'perjodu ta' detenzjoni. Fi kliem iehor hemm l-impossiblita' fizika li huwa jadempixxi l-obbligu tieghu li jhallas il-multa imposta fuqu mentri hadd ma hu tenut li jwettaq obbligu meta hu impossibbli ghalih li iwettqu (nemo tenetur ad impossibilia). F'kaz li huwa jipprova jissellef il-kapital mehtieg biex ihallas il-multa,

dan ex ipotesi, mhux possibbli billi huwa diga ghandu d-dejn f'pajjizu u, ankorke li huwa seta' jissellef il-flus mehtiega minn pajjizu, il-possiblita' li huwa jirritorna f'pajjizu jigi rez aktar difficli jekk mhux impossibbli billi l-piz tad-dejn jizdied.

Din il-Qorti rripetiet verbatim l-aggravju ta' l-appell ta' l-akkuzat misjub hati fuq ammissjoni tieghu stess peress li thossha insultata bil-mod kif anke jigi maturat il-hsieb li jistghu isiru appelli ta' din ix-xorta - appelli li thares minn fejn thares lejhom, huma frivoli, jirritaw u huma kompletament barra minn lokhom. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tispjega ghaliex dan hu hekk il ghaliex ir-riproduzzjoni verbatim ta' l-aggravju ta' l-appell minnha nnifisha hija indikattiva ta' kemm huwa frivolu u vessatorju dan l-appell li qatt ma jmissu sar.

Minhabba dak li inghad din il-Qorti sejra tapplika s-sanzjoni prevista mil-ligi f'kaz ta' appell frivolu u vessatorju u tispera li ma jigux iktar quddiemha appelli simili.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata. Inoltre, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 512 (3) din il-Qorti, peress li tqis l-appell interpost bhala wiehed frivolu u anke vessatorju tikkundanna lill-appellant ghal multa ta' Lm50.

Dep/Reg
mm